11 ta' Jannar, 1944.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Ettore Ripard** *versus* **Paolo Ripard ne.**

**Bejgħ — Rahan — Nullità — Art. 1759, 1760, 1761 u 1762, ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*Dak li l-liġi tipprojbixxi f'materja ta' rahan, taħt il-piena tan-nullità, huwa kull patt li jawtorizza lill-kreditur li jappropria ruħu mir-rahan jew jiddisponi minnu mingħajr il-formalitajiet preskritti mill-liġi, jew li jneħħi, sija lill-kreditur, sija lid-debitur, id-dritt li jitlob il-bejgħ tar-rahan.*

*Imma l-bejgħ tar-rahan lill-istess kreditur bi ftehim li jsir wara li jkun sar il-kuntratt tar-rahan, u indipendentement minnu, ma hux projbit mil-liġi; purkè dan isir mhux in frode tal-liġi, jiġifieri ma jkunx miftiehem fil-mument tal-kontrattazzjoni tar-rahan imma jiġi effettwat wara.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni nru. 438 tat-12 ta' Novembru 1942 li biha l-attur, wara li qal illi l-imsemmi John Ripard kien silfu £20, u bħala rahan huwa kien ikkonsenjalu kaxxa bid-deheb indikat dettaljatament fin-nota unita ma' l-istess ċitazzjoni bħala dokument "A"; u li l-konvenut oppona ruħu għar-rikors tiegħu biex id-deheb fuq imsemmi jiġi mibjugħ f'subasta taħt l-awtorità ta' din il-Qorti; talab li jiġi ordnat il-bejgħ in subasta ta' l-imsemmijin oġġetti tad-deheb, biex mill-prezz rikavat l-imsemmi wirt battal jitħallas tal-kreditu tiegħu u huwa, jiġifieri l-attur, jieħu l-bilanċ li jifdal; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, li biha dana qal illi l-oġġetti tad-deheb imsemmijin fiċ-ċitazzjoni, u li l-lum jinsabu mibjugħa, kienu jappartjenu lill-mejjet John Ripard, billi kien akkwistahom minn għand l-attur;

*Omissis;*

Tikkunsidra:

Mix-xhieda ta' Teresa armla ta' l-imsemmi Ettore Ripard (fol. 12) jirriżulta illi xi tliet xhur wara ż-żwieġ tagħha, ċirka għoxrin sena ilu, l-imsemmi John Ripard mar Tunes għandhom, u f'dik l-okkażjoni huwa silef għoxrin lira lil żewġha sabiex dan ikun jista' jirtira d-deheb in kwistjoni minn għand

ċertu lhudi li kien qiegħed iżommu bhala rahan (fol. 20); u meta l-imsemmi Ettore Ripard irtira dak id-deheb kkonsenjah lill-imsemmi ħuh John Ripard bħala rahan in sikurezza ta' l-imsemmija £20 li kien silfu..........;

Mix-xhieda ta' l-armla ta' John Ripard, Dionisia, jirriżulta, għall-kuntrarju, li d-deheb fuq imsemmi ġie mixtri minn żewġha minn għand l-imsemmi ħuh Ettore..........;

Jirriżulta minn provi oħrajn illi l-imsemmi John Ripard bosta drabi bl-aġir tiegħu wera li huwa kien jikkunsidra ruħu proprjetarju ta' dak id-deheb. Infatti huwa ta bhala rigal diversi oġġetti minnu, anki lill-istess Ettore..........;

Jista' wieħed iżid illi wara l-mewt ta' John Ripard l-imsemmi Ettore, għal ċirka sebgħa snin, qatt ma tkellem........ fuq dan il-"pegno" li jippretendi li kien ta lill-imsemmi ħuh John..........;

*Omissis;*

Għalhekk, għalkemm jista' jkun li għall-ewwel id-deheb in kwistjoni ġie f'idejn John Ripard bħala rahan, iżda mbagħad, kif ahmenu jidher mill-kumpless tal-provi, huwa sar proprjetarju tiegħu, għaliex xtrah, kif xehdet l-armla tiegħu Dionisia Ripard. Ma sar xejn nullament jekk wara li d-deheb ġie konsenjat lil John Ripard bħala "pegno", l-istess deheb ġie trasferit lilu b'vendita; għaliex dak li l-liġi tivvjeta taħt piena ta' nullità huwa kull patt li jawtorizza lill-kreditur, f'dan il-każ John Ripard, li japproprja ruħu mill-"pegno" jew jiddisponi minnu mingħajr il-formalità preskritti fl-art. 1739 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, jew li jneħħi, sija lill-kreditur sija lid-debitur, id-dritt li jitlob il-bejgħ tal-"pegno" kif hemm dispost fl-art. 1739, 1740 u 1741 ta' l-imsemmija Ordinanza (art. 1742 Ord. VII ta' l-1868); imma mhux vjetata l-vendita tal-"pegno" lill-istess kreditur bi ftehim wara li jkun sar il-kuntratt tal-"pegno" u indipendentement minnu;

"Le stipulazioni che sono colpite di nullità", insibu miktub fit-"Trattato Teorico-pratico di Diritto Civile" ta' Baudry-Lacantinerie u De Loynes, Del Pegno, Vol. I, pag. 230, "sono quelle che intervengono al momento della costituzione del pegno e che ne sono le clausole. In questo momento il debitore subisce la legge del creditore; egli è obligato ad accettare tutte le condizioni che impone. E su questa presunzione di costri-

zione morale che è fondata la disposizione. Bisogna da ciò conchiudere che ogni convenzione che cadrebbe sotto la proibizione dell'articolo 2078 (1742 tal-Kodiċi Taghna), se intervenisse al momento della formazione del contratto, sarà valida se è consentita ad un'epoca posteriore? Saremmo indotti a pronunziarci in favore dell'affermativa, sotto la riserva delle cause di nullità del diritto comune. L-articolo 2078 (1742 tal-Kodiċi Taghna) è estraneo a questa ipotesi. Da qualunque punto di vista lo si guardi esso è eccezionale. Esso deroga al principio della libertà delle convenzioni. Ha per fondamento una presunzione legale. A questo duplice titolo deve essere interpretato restrittivamente, e non può essere esteso al di là dei suoi confini. Ora, e noi l'abbiamo detto, esso non prevede che il caso in cui una clausola speciale dell'atto di pegno autorizza il creditore ad appropriarsi il pegno o a disporne senza le formalità legali. Tale non è la nostra ipotesi, poichè si tratta di una convenzione posteriore fatta in un momento in cui il debitore non è immediatamente soggetto alla legge del suo creditore. Perciò questa convenzione non è colpita dalla proibizione dell'articolo 2078 (1742 tal-Kodiċi Taghna). Si obbietta che il debitore è ancora sotto la dipendenza del creditore, che costui può usare rigore nell'esecuzione del contratto e costringerlo colla minaccia di consentire e queste stipulazioni. L'obbiezione è di fatto più che di diritto. La quistione è infatti di sapere non se il debitore è stato vittima di una costrizione morale, e se il suo consenso è stato viziato, ma se la legge presume che il suo consenso non è stato libero. Ora ci è impossibile di estendere l'articolo 2078 (1742 tal-Kodiċi Taghna) a questa ipotesi che non è prevista. Ma se il debitore non aveva di fatto goduto della libertà, che è uno degli elementi essenziali richiesti per la validità delle convenzioni, la stipulazione dovrebbe essere annullata in virtù degli articoli 1111 (680 tal-Kodiċi Taghna) e seguenti, non in virtù dell'articolo 2078" (1724 tal-Kodiċi Taghna);

Naturalment ghandha ssir riżerva ghall-każ li jirriżulta illi l-istipulazzjoni tkun saret in frode tal-liġi, jiġifieri ghall-każ li tkun ġiet sentenzjata u konvenuta fil-mument ta' l-istipulazzjoni tal-"pegno" u mbaghad posterjorment redatta. Tkun allura f'dak il-każ applikabili l-projbizzjoni tal-liġi. "Per

conseguenza". Inkomplu nsibu miktub fl-imsemmi Trattat, "la vendita del pegno, fatta senza frode dal debitore al creditore, dopo e anche prima della scadenza del debito, ma posteriormente al contratto dovrebbe essere dichiarata valida";

*Omissis;*

Mill-kumpless tal-provi, kwindi, jirriżulta illi l-oġġetti tad-deheb in kwistjoni ġew minn għand Ettore Ripard trasferiti in proprjetà lil huh John, u kwindi ma tistax tiġi milqugħa l-pretensjoni ta' l-attur li dawk l-istess oġġetti nsabu fil-wirt ta' dak John Ripard bħala "pegno" in sikurezza tal-kreditu tiegħu ta' £20 self magħmul lill-imsemmi huh Ettore;

Għaldaqstant:

Tiddeċidi billi tiċħad it-talba bl-ispejjeż.